

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

- wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat ta' l-UE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0047/2007),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Kontroll Demokratiku tal-Europol" (COM(2002)0095),
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2002 lill-Kunsill dwar l-iżvilupp fil-futur tal-Europol u l-integrazzjoni sħiħa tiegħu fis-sistema istituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill ta' l-10 ta' April 2003 dwar l-iżvilupp fil-futur tal-Europol ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 u l-Artikolu 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0136/2007),
1. Japprova l-inizjattiva tar-Repubblika tal-Finlandja;
 2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk biħsiebu jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda b'mod sustanzjali l-inizjattiva tar-Repubblika tal-Finlandja;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni kif ukoll lill-gvern tar-Repubblika tal-Finlandja.

⁽¹⁾ ĠU C 187 E, 7.8.2003, p.144.

⁽²⁾ ĠU C 64 E, 12.3.2004, p.588.

P6_TA(2007)0105

Kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' zokkor mhux raffinat lejn il-Bulgarija u r-Rumanija *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill għall-ftuħ ta' kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' zokkor mhux raffinat lejn il-Bulgarija u r-Rumanija għall-provvista tar-raffineriji fis-snin ekonomiċi 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 (COM(2006)0798 — C6-0003/2007 — 2006/0261(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0798) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37(2) tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0003/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali (A6-0072/2007),

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

It-Tlieta, 24 ta' April 2007

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
4. Jitlob lill-Kunsill biex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta mill-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
MILL-PARLAMENT

Emenda 1

Artikolu 1, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2009/2010, l-ebda kwota ta' tariffa addizzjonali m'għandha tingħata ħlief taħt ir-Regolament (KE) Nru 2501/2001 tal-Kunsill ta' l-10 ta' Diċembru 2001, dwar l-applikazzjoni ta' skema ta' preferenzi ġeneralizzati tat-tariffi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2004⁽¹⁾ (ir-Regolament "Kollox min-barra l-armi") jew fir-rigward ta' l-aċċess privileġġjat għas-suq li minnu jibbenefikaw il-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karajbi u l-Paċifiku.

⁽¹⁾ ĠU L 346, 31.12.2001, p. 1.

P6_TA(2007)0106

Tneħħija ta' l-immunità ta' Vural Öger

Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar it-talba għat-tneħħija ta' l-immunità ta' Vural Öger (2006/2198(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija ta' immunità ta' Vural Öger, imressqa mill-Qorti ta' l-appell ta' Brussell tal-11 ta' Mejju 2006, u mħabbra fis-seduta plenarja li saret tas-6 ta' Lulju 2006,
- wara li sema' lil Vural Öger skond l-Artikolu 7 (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 t'April 1965, u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, ta' l-20 ta' Settembru 1976,
- wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' l-10 ta' Lulju 1986⁽¹⁾,

⁽¹⁾ Il-Każ 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195, u l-Każ 149/85 *Wybot v Faure et al* [1986] ECR 2391.